# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 350.01

## REGOLAMENTI DWAR ĊERTIFIKATI TA' KLASSIFIKA GĦAL PROGRAMMI TELEVIŻIVI

8 ta' April, 1994

*L-AVVIŻ LEGALI 44 tal-1994, kif emendat bl-Avviż Legali 426 tal-2012.*

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar Ċertifikati ta' Klassifika għal Programmi Televiżivi. Titolu.

**2.** F'dawn ir-regolamenti: Tifsir.

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità tax-Xandir imwaqqfa bl-artikolu 118 tal-Kostituzzjoni;

"servizz ta' xandir televiżiv" tfisser kull *item* fi ħdan servizz televiżiv wieħed provduti minn ċertu xandar;

"xandar" tfisser kull minn jipprovdi servizzi ta' xandir televiżiv kif provdut fl-Att dwar ix-Xandir, u tinkludi wkoll kull persuna, korp jew awtorità li jipprovdu dawk is-servizzi b'liċenza mingħand il-Gvern jew b'arranġamenti mal-Gvern; Kap. 350.

"xogħol" tfisser xogħol ċinematografiku jew xogħol imtellgħa bi proċess bħal dak ċinematografiku u tinkludi wkoll kull *film* magħmul għat-televiżjoni u kull xogħol kreattiv awdjoviżiv.

**3.** Ma għandu jixxandar ebda xogħol bħala parti minn servizzi ta' xandir televiżiv kemm-il darba ma jkunx ingħata ċertifikat ta' klassifika bil-miktub bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti u kemm-il darba x-xandar ma jkunx ikkonforma ruħu mal-kondizzjonijiet ta' dak iċ-ċertifikat. Htieġa ta' klassifika.

**4.** (1) Kull xandar għandu jaħtar persuna jew persuni li jkunu responsabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' klassifika bħala parti misservizz ta' xandir televiżiv provduti mill-imsemmi xandar. Persuna responsabbli. *Emendat: A.L. 426 tal-2012.*

(2) Ix-xandar għandu jgħarraf lill-Awtorità bl-isem, il-kunjom, l-età, indirizz fejn joqgħod u numru ta' dokument ta' identifikazzjoni legalment validu ta' kull persuna li tinħatar skont ma hemm fis-subregolament ta' qabel minnufih kif din il-persuna tinħatar.

(3) Ix-xandar għandu jżomm kull ċertifikat ta' klassifika maħruġ dwar is-servizz ta' xandir televiżiv tiegħu skond dawn irregolamenti għal żmien disgħin jum wara li l-aħħar jixxandar xi xogħol u huwa għandu jagħti lill-Awtorità ċ-ċertifikati msemmija kollha jew xi wħud minnhom minnufih malli dawn jintalbulu.

(4) L-Awtorità għandha jedd tiskwalifika lil kull persuna maħtura skond is-subregolament (1) milli jkollu jedd joħroġ ċertifikati ta' klassifika jekk, wara li tagħti opportunità lix-xandar, lill-persuna maħtura u lil kull persuna oħra li hija tqis li teħtieġ issottomissjonijiet tagħha dwar xi ħaġa, tkun sodisfatta li limsemmija ħatra ma tkunx saret in bona fede jew li l-persuna maħtura hija manifestament inkapaċi milli twettaq id-dmirijiet talkariga tagħha jew li tkun ħatja ta' imġieba ħażina gravi fit-twettiq

ta' dmirijitha.

(5) Ma jistgħu jinbdew ebda proċedimenti għal danni kontra l-Awtorità għal deċiżjoni jew minħabba f'deċiżjoni li hija tkun ħadet li tiskwalifika persuna milli jibqa' jkollha jedd li toħroġ ċertifikati ta' klassifika.

Ċertifikati ta' klassifika.

**5.** (1) Ċertifikat ta' klassifika maħruġ bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti għandu jkollu fih:

(*a*) dikjarazzjoni li x-xogħol relattiv ikun adattat għall-wiri ta' kulħadd f'kull ħin (bil-parir jew mingħajr dwar kemm hu tajjeb li jkun hemm id-direzzjoni tal-ġenituri għar-rigward ta' tfal żgħar li jaraw ix-xogħol jew dwar kemm ix-xogħol ikun partikolarment adattat biex jarawh it-tfal); jew

(*b*) dikjarazzjoni li x-xogħol relattiv ikun adattat għall-wiri biss wara ċertu ħin li jissemma' fiċ-ċertifikat.

(2) Ir-responsabbiltà li jinħareġ ċertifikat ta' klassifika għandha tkun tinkludi wkoll is-setgħa li wieħed jirrifjuta li joħroġ dak iċ-ċertifikat meta l-persuna responsabbli għall-ħruġ ta' l-imsemmi ċertifikat tkun tqis li xogħol ma jkunx adattat għal xandir televiżiv.

Twettiq ta' funzjonijiet.

**6.** Kull persuna li tinħatar skond ir-regolament 4 għandha twettaq dmirijitha filwaqt li tikkonsidra l-moralità pubblika, id-deċenza u l-korrettezza xierqa, il-protezzjoni ta' l-interessi ta' tfal ta' taħt l-età, il-kwalitajiet ta' l-udjenza li x'aktarx jaraw ix-xandira ukoll meta jitqies il-mezz tat-trasmissjoni, u d-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar ix-Xandir u kull ħaġa magħmula bis-saħħa tiegħu.

Kap. 350.

Responsabbiltajiet oħra tax-xandir.

**7.** Ebda ħaġa f'dawn ir-regolamenti ma għandha tinftiehem bħala li teħles lix-xandar minn xi obbligu, responsabbiltà jew impenn imqiegħed fuqu b'xi liġi jew bis-saħħa tagħha.